



Brussell, 25 ta' Mejju 2022
(OR. en)

9028/22
ADD 1

Fajl Interistituzzjonali:
2021/0390(NLE)

JUSTCIV 66
AGRI 185
IND 166
ENER 167

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	14831/21 + ADD 1
Suġġett:	Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Protokoll għall-Konvenzjoni dwar l-Interessi Internazzjonali fit-Tagħmir Mobbli dwar Kwistjonijiet speċifiċi għat-Tagħmir Agrikolu, tal-Kostruzzjoni u tal-Minjieri (il-Protokoll tal-MAC) - Adozzjoni - Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni li saret matul il-laqgħa tal-Coreper fil-25 ta' Mejju 2022

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Protokoll għall-Konvenzjoni dwar l-Interessi Internazzjonali fit-Tagħmir Mobbli dwar Kwistjonijiet speċifiċi għat-Tagħmir Agrikolu, tal-Kostruzzjoni u tal-Minjieri (il-Protokoll tal-MAC) għandha tindika lill-Kummissjoni bħala responsabbli biex taħtar il-persuna/i bis-setgħa li tiffirma/jiffirmaw f'isem l-Unjoni. Il-bidla għall-Artikolu 2 li tindika li l-President tal-Kunsill huwa responsabbli għal tali ħatra għalhekk mhix f'konformità mat-Trattati.

Il-ħatra tal-persuna/i bis-setgħa li tiffirma/jiffirmaw, f'isem l-Unjoni, ftehim internazzjonali, huwa att ta' rappreżentanza esterna tal-Unjoni, li, f'konformità mal-Artikolu 17(1) TUE, huwa l-prerogattiva istituzzjonali tal-Kummissjoni.

Il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li prattika konsistenti mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni li mhix f'konformità mat-Trattati tal-UE 'ma tistax temenda r-regoli tat-Trattati li l-istituzzjonijiet huma obbligati josservaw' (il-Kawża C-687/15 Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill, EU:C:2017:803, punt 42).

Filwaqt li ma topponix l-adozzjoni tal-emenda mill-Kunsill b'vot ta' maġġoranza kwalifikata, il-Kummissjoni tirriżerva l-jeddijiet kollha tagħha f'dan ir-rigward.
